# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2001**

**Numru 5**

**Citaz. Nru. 1273/99GV**

**Doc. Nru. 2-01**

**Medserv Limited**

**vs**

**Medistore Company Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi b'kuntratt datat l-ewwel (1) ta' Ottubru, 1993, is-socjeta' attrici kkoncediet lis-socjeta' konvenuta, facilitajiet f'Medserv Base ghall-istivar ta' prodotti petroliferi u dan ghall-perjodu ta' hames (5) snin;

Premess illi b'ittra datata sitta w ghoxrin (26) ta' Marzu, 1998 is-socjeta' attrici tat id-debitu kongedo lis-socjeta' konvenuta biex tivvaka fl-facilitajiet lilha koncessi fl-ahhar ta' Settembru, 1998 u dan skond kif mahsub fi klawsola tlettax (13) tal-precitat kuntratt ta' ftehim;

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet ukoll interpellata biex qabel l-ivvakar tassikura li taghmel it-tindif komplet tal-istess facilitajiet koncessi;

Premess illi nonostante dawn ir-rikjami, kompriza dik ufficjali, l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi wara l-kongedo moghti kif fuq inghad l-istess socjeta' konvenuta mghandhiex aktar dritt tokkupa l-facilitajiet lilha koncessi f'Medserv Base;

2. tordna l-izgumbrament immedjat tal-istess socjeta' konvenuta mill-istess Medserv Base;

3. tikkundanna inoltre lill-istess socjeta' konvenuta biex tesegwixxi x-xoghol kollu ta' tindif mehtieg u okkorrendo tiswijiet ukoll b'mod li jigi rimoss kull inkonvenjent u hmieg ta' zjut u prodotti petroliferi ohra.

B'riserva ghad-danni u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-tmienja w ghoxrin (28) ta' Dicembru, 1998 u tal-ittra legali tal-ghaxra (10) ta' Mejju, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol 21 fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' esponenti ghandha titolu validu skond il-ligi ta' kirja u ghalhekk it-talbiet attrici ma jsibux fondament;

2. Illi minkejja dan, jizdied jinghad illi dejjem tat l-accertazzjonijiet taghha illi meta ssib alternattivi, hija ma kienitx kontra illi titlaq. Dan minghajr ma ovvjament ifisser xi rinunzja ghat-titolu qed jigi ribadit.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi wara l-kongedo moghti lis-socjeta' konvenuta, din m'ghandiex aktar dritt tokkupa l-facilitajiet lilha koncessi f'Medserv Base;

tordna l-izgumbrament immedjat tal-istess socjeta konvenuta mill-istess Medserv Base;

tikkundanna lil istess socjeta konvenuta biex tesegwixxi x-xoghol kollu ta' tindif mehtieg u okkorrendo tiswijiet ukoll b'mod li jigi rimoss kull inkonvenjent u hmieg ta' zjut u prodotti petroliferi ohra.

B'riserva ghad-danni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li ghandhom titolu validu skond il-Ligi.

Minkejja dan huma dejjem taw l-accertazzjonijiet taghhom li meta jsibu alternattivi huma ma kienux kontra li jitilqu. Dan minghajr ma jfisser li qed jirrinunzjaw ghat-titolu taghhom.

**PROVI**

**Godwin Catania**, Manager Administration and Contracts, mas-socjeta' attrici, xehed li kellhom ftehim mas-socjeta' konvenuta dwar l-uzu ta' facilitajiet ta' hazna ta' zejt. mahruq u 'reservoirs' f'Manoel Island (Dok A fol 5). Huma kienu tterminaw il-kuntratt skond il-kondizzjoni 13. Il-konvenuti ma hargux u l-problemi baqghu jikbru u z-zejt baqa' johrog u kien hemm problema li kien qed jithallat mad-'drainage system'. Il-konvenuti ma kienux accettaw in-'notice' li kienu tawhom. Hu ghamel riferenza ghad-dokumenti ezebiti cioe ittra ta' kongedo datata sitta w ghoxrin (26) ta' Marzu, 1998; ittra ufficjali datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Dicembru, 1998; twegiba ta' Dr. P. Galea datata disgha (9) ta' Jannar, 1999; ittra datata ghaxra (10) ta' Mejju, 1999 u twegiba datata erbatax (14) ta' Mejju, 1999.

Meta rega' xehed fl-ewwel (1) ta' Dicembru, 2000, ix-xhud qal li l-Gvern qabbad surveyor biex jezamina l-problema tal-hmieg li fadal bhal qatran. Huma obbligati li jitilqu Manoel Island u ghandhom terminu ta' tnax il-xahar u jridu jhallu l-post kif haduh. Iz-zejt ma naqasx.

**Perit Godwin Borg** xehed li hu konsulent mal-Medserv. Kien ghamel zewg rapporti fuq l-istat tat-tankijiet mikrija lill-konvenuti. Dok GB1 u GB2. Fol 33 u 34. In segwitu rega' mar jara t-tankijiet u sab li kien hemm xi tankijiet li gew zvujtati, biss it-tankijiet kollha kellhom sediment bejn 30 u 45 centimetru ta' materjal go fihom. Il-materjal hu tahlita ta' ilma, zejt u affarijiet ohra.

**Carmel Falzon,** shareholder fil-kumpanija konvenuta xehed li l-kumpanija llum qeghda in liquidation. Meta l-atturi kienu talbuhom lura l-facilitajiet li kienu krew, huma kienu talbuhom aktar zmien billi l-process kien wiehed twil. Issa marru l-Marsa u qed igorru ftit ftit il-materjal. L-atturi kienu tawhom il-kongedo. Huma kienu obbligaw ruhhom li jnehhu s-sediment ta' zjut li fadal.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ftehim tal-ewwel (1) ta' Ottubru, 1993 bejn il-partijiet kien gie terminat validament u llum l-konvenuti m'ghandhomx titolu fuq il-facilitajiet li kienu krew.

Inoltre jirrizulta li l-konvenuti telqu mill-post, izda fadallhom xi xogholijiet ta' tindif u zvujtar li ghad irid isir skond it-talba ta' l-atturi.

Illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li s-socjeta' konvenuta m'ghandiex aktar dritt tokkupa l-facilitajiet lilha koncessi f'Medserv Base;

Tordna l-izgumbrament fi zmien xahar tal-istess socjeta' konvenuta mill-istess Medserv Base;

Tikkundanna lil istess socjeta' konvenuta biex tesegwixxi x-xoghol kollu ta' tindif mehtieg u okkorrendo tiswijiet u li jigi rimoss kull inkonvenjent u hmieg ta' zjut u prodotti petroliferi ohra.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**